# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru sebgħa (7/2016) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 14 ta' Lulju 2016, fit-3pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgha tibda kmieni.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Johan Mula | Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻAT: | Silaine Cutajar | Ambaxxatriċi |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha precedenti. Dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku kkonferma li TM ma qablux mal-proposta tal-one way 'for residents only' [ref punt 3.5]. Il-Viċi Sindku ppropona li ssir kommunikazzjoni ma' min iffirma l-petizzjoni u jieħdu għażla jekk jixtiequ li l-isqaq tibqa two way jew isir one way għal kulħadd. Is-Sindku qal illi dak kien il-pjan tiegħu.

3.2 Il-Viċi Sindku talab għall-aktar informazzjoni rigward x'sar fil-Berġa. Is-Sindku u s-Segretarju

Eżekuttiv qalu li nxtraw l-għamara li tinkludi cabinets, desk tat-tabib u siġġijiet, l-AC, ħadna ħsieb li ngħaddu l-ilma u li nżidu l-elettriku [sockets] ukoll, sink u geeser u kif ukoll l-internet. Is-Sindku qal illi fil-ġurnata tal-laqgħa tal-Kunsill, hu u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-CEO tal-Primary Health Care fejn għamel talba formali lil tal-Health Department biex inzidu s-servizzi fil-Berġa. Qal illi apparti tabib, tlabna biex inġibu podologist u speech therapist. Filgħaxija l-post jista' jinkera mill-Kunsill Lokali lill-privat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm bzonn bye-law izda jixtieq jagħmel 'ammendment' għall-bye law eżistenti.

3.3 Is-Sindku qal illi rapprezentant ta' TM qal illi m'hemmx għalfejn nagħmlu STOP sign f'triq il-Kaċċaturi izda se jieħdu ħsieb ftit xogħol huma biex intejbu s-sigurta' u kif ukoll sabiex inżidu l-parking spaces.

3.4 Il-Viċi Sindku qal illi kien hemm deficit [ref punt 6.1] minħabba x-xogħolijiet kollha li saru taħt 2 Sindki fis-sena 2015. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mhux se jkun aċċetabbli li noħorġu b'deficit issa u għandna nimxu skond il-Financial Responsibility Act ta' 2014. Fl-ewwel quarter kelna surplus u qal illi l-accountant ħadmet fuq il-postings tat-tieni quarter u li dalwaqt ikun jaf kif spiċċajna wara l-ewwel sitt xhur tas-sena.

3.5 Is-Sindku qal illi l-feedback dwar il-laqgħa [ref punt 7.1] fuq il-proġett ta' triq il-Kuċċard kien pożittiv. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi talab għall-info mingħand min għamel il-1 on 1 sessions izda ma rċieva l-ebda risposta.

3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi xtrajna l-microphone [wara li kien bagħat emajl lill-kunsilliera kollha] flimkien mat-transmitter. Il-Kunsill qabel illi nixtru cordless mic extra wkoll.

3.7 Is-Sindku qal illi d-dawra ma' Captain Morgan [ref punt 8.4] se ssir fit-28 ta' Lulju 2016 bil-prezz ta' €25 li jinkludi open bar u buffet lunch.

3.8 Il-bandli ta' ġnien Dun Karm Vella tneħħew [ref punt 8.5]. Is-Sindku qal illi tifla weġġgħet minħabba l-bandli perikoluzi li kien hemm fil-Playing Field fejn il-grawnd u dawk illi kienu ta' periklu tneħħew ukoll. Hu u s-Segretarju Eżekuttiv ilhom jitolbu għall-updates rigward il-fondi tal-Good Causes Funds izda għal xi raġuni dawn naqqsu biex jieħdu deċiżjoni wara seba' xhur.

3.9 Il-Viċi Sindku qal illi l-għamara tat-toroq mhumiex safety bars [ref punt 8.6].

3.10 Is-Sindku qal illi TM ma qablux mal-proposta li t-toroq 1 way isiru 2 way għaċ-ċiklista [ref ount 8.7].

3.11 Is-Sindku fakkar lill-kunsilliera Joanna Abdilla li qegħdin isiru reading sessions fil-librerija [ref punt 8.9] jekk in-nies jixtiequ jibagħtu t-tfal tagħhom hemm. Il-kunsilliera Abdilla qalet illi hi tixtieq tagħmel dawn is-sezzjonijiet għat-tfal kbar.

3.12 Meta ġie diskuss punt 8.14 re ħaxix, il-Viċi Sindku qal illi għandna nibagħtu l-ħaddiema l-areas tal-Ħlantun, Ħal Far u Ta' Ġawhar. Qal illi fil-kaz tal-area Ta' Ġawhar hemm bzonn illi nagħtu izjed ħsieb dan l-area. Il-Kunsill qabel illi nieħdu ħsieb il-post sew.

3.13 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-aqwa kandidat taħt l-iskema tas-CIES [8.18] qal illi mhux interessat illi jidħol jaħdem taħt din l-iskema peress illi mhux worth it għalih illi jaqla l-paga minima. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mill-bqija tal-kandidati ħadd minnhom ma jaf juza kompjuter sew u b'hekk se jkun diffiċli biex wieħed jagħmel ix-xogħol illi xtaq hu. Is-Sindku propona li għandna nagħtu opportunita lil min ġie fit-tieni post u l-Kunsill qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv se jara jekk dak illi ġie kklassifikat it-tieni jixtieq jibda jaħdem hawn, izda jixtieq jiċċara ftit affarijiet mad-DLG fl-istess ħin rigward it-termini tal-impjieg.

**4. Korrespondenza**

4.1 Il-Viċi Sindku staqsa jekk is-sinjorina Ciappara li lmentat fuq l-iskips ta' Rqajja tgħix hawnhekk. Ħadd ma kien jaf min hi din il-persuna. F'Ħwejjeġ Oħra se jiġi mminutjat id-deċiżjoni rigward l-iskips.

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv talab għall-konferma mingħand il-kunsilliera jekk is-sinjura Gloria Debono, li għanda Reserved Parking, qegħda tgħix fir-raħal peress illi TM qalu li għandna nneħħu r-reserved. Il-Viċi Sindku qal illi hemm reserved għall-aċċessibilta għal garaxx għax hi bed-ridden. Il-Kunsill se javza lil TM illi hemm 'access to garage' u mhux 'reserved parking' fil-post.

## 5. Payment Approval Sheet

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna niffirmaw il-katra [Approved] fil-laqgħa li jmiss.

5.2 Ma kien hemm l-ebda oġġezzjonijiet għall-Payment Approval Sheet.

## 6. Memorandum Of Understanding: Skema mal-ETC

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rċieva l-MoU minn naħa tad-District Operations Limited illi qegħdin jimpjegaw il-ħaddiema tal-ETC illi jiġu jaħdmu fil-Kunsill. Qal illi wara li ltaqa ma' rapprezentant tad-DOL ma qabilx ma ftit mis-suġġerimenti tagħhom. Waqt illi qabel illi hemm bzonn ta' sorveljanza ta' dawn il-ħaddiema, il-Kunsill m'għandux ir-riżorsi biex nkunu għasa tagħhom kull siegħa. Qal ukoll illi peress illi huma jibdew kmieni filgħodu [bejn il-5am u s-6am] mhux se jkun jista jiverifika li dawn daħlu għax-xogħol fil-ħin. Qal ukoll illi fit-23 ta' Mejju, meta d-DOL ġew għall-ewwel darba sal-Kunsill, kienu qalu fil-1 on 1 laqgħa li kellu magħhom illi l-Kunsill se jħallas 5% Performance Bonus għall-kull impjegat [qal illi dan jammonta għall-izjed minn €2000 għalina] u għamel talba biex ma jgħidu xejn lil ħaddiema għax ma qabilx illi l-Kunsill għandu joħroġ Performance Bonus peress illi nkunu qegħdin niksru r-regoli finanzjarji fil-fehma tiegħu. Tad-DOL xorta qal lill-impjegati dwar il-Performance Bonus u din qegħda imnizzla fl-MoU. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hu mhux se jiffirma l-MoU wara li bagħat l-oġġezzjonijiet tiegħu lid-DLG u lill-ANSEK [illi skond id-DOL kienu qablu mal-proposta tal-P.B] u d-Direttur tad-DLG irrisponda li hemm bzonn laqgħa ma dawn in-nies, waqt illi qabel illi nkunu qegħdin nimxu fuq linja ħazina b'din il-P.B, kif ukoll minħabba punti oħrajn fl-MoU. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi diġa tkellem mall-ħaddiema tal-ETC biex jispjega s-sitwazzjoni. Il-Kunsill qabel illi ma niffirmawx l-MoU għalissa.

## 7. Festa 2016

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi xtaq jisma ftit suġġerimenti mingħand il-kunsilliera rigward il-preparazzjonijiet għall-Festa. Dawn kien is-suġġerimenti [hemm minnhom illi ilhom isiru]:

- Se jkun hemm open-air skip, preferibalment fejn il-bini li qed jinbena fl-isqaq San Pawl [fejn il-Kazin] – Dan ma jistax isir peress li l-post inbena u m'hemmx fejn joqgħod l-open skip issa.

- 2 skips fejn is-Salib tad-Dejma
- 4 bins on wheels [240ltrs] madwar il-pjazza
- Min jieħu permess għall-ikel u xorb għandu jħallas ammont biex nieħdu l-flus lura għall-iskips
- Laqgħa mal-ispettur il-ġdid
- Rikwest għall-40 barriers. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi meta għamel talba għal barriers għall-attivita fil-bidu tas-sena, dawn talbu ħlas ta' €5 għal kull barrier.

**8. Ħwejjeġ Oħra**

Is-Sindku:

8.1 issuġerixxa li nneħħu l-iskip ta' triq Rqajja minnħabba li qed ikun hemm ammont enormi ta' skart mormi ħdejha minn saħansitra persuni li ma joqogħdux Ħal Safi u r-residenti tal-madwar qed jilmentaw. Rigward l-iskip ta' Triq San Ġwann talab lill-Kunsill biex qabel titneħħa jingħata ftit ċans u jekk jara li qed ikun hemm abbuż esaġerat din titneħħa wkoll. Il-Kunsill qabel.

8.2 qal illi l-kuntrattur tal-knis tat-toroq jixtieq joffri l-aħħar paga tal-ex impjegat Veritas għall-użu tar-raħal illi tant kien iħobb peress illi ma kienx ħa l-aħħar paga qabel ma miet waqt il-vjaġġ tiegħu lura f'pajjizu. Il-Kunsill qabel illi nħawlu siġar f'ismu.

8.3 qal illi tajna l-gass lill-AC's tas-sala u tal-Kunsill izda li dawn waslu lejn l-aħħar. Il-Kunsill qabel illi dawn jinbidlu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minħabba l-ispejjez mhux se jkun daqshekk faċli biex nixtru 5 AC's ġodda. Fl-istess ħin qal illi se jara jekk jista japplika għall-fondi taħt Axis 4 tal-fondi tal-UE.

8.4 Qal illi l-kuntrattur li qed jieħu ħsieb il-grawnd tal-futbol għamel talba biex jagħmel turnament fil-grawnd. Hu offra li ma jieħux il-persentaġġ tiegħu jekk il-Kunsill jista joffri discount. Il-Kunsill qabel illi jħalsu €15/siegħa.

8.5 Irċieva talba mill-instructor tal-iskola Sajf [tal-Gvern] biex nagħmlu ħarġa kulturali għall-istudenti tal-iskola sajf u l-ġenituri tagħhom. Il-Kunsill qabel illi nħalsu xi ħaġa zgħira u nagħmlu ħarġa.

8.6 Qal illi hemm bzonn 2 mirji f'triq iż-Żurrieq c/w triq l-Iskola [fejn it-tabib u madwar l-area]. Il-Kunsill qabel.

8.7 Irċieva suġġeriment biex issir kompetizzjoni waqt il-festa għall-isbaħ faċċata armata. Il-Viċi Sindku qal illi din is-sena jaraha diskriminatorja. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna naraw kif imorru.

8.8 Irċieva talba mingħand dak illi jarma bil-ħaxix f'triq in-Nassaba biex nagħmlu Hawker Stand. Il-Viċi Sindku qal illi huwa importanti li ma jkunx qiegħed jostakola lir-residenti. Is-Sindku qal li dan il-bejjiegħ ilu snin jarma f'din it-triq u dejjem fl-istess ġranet ħinijiet u r-residenti drawh għalkemm minn mindu nbniet blokka ta' flats ġdida mhux dejjem qed isib post fejn jarma. Għalhekk jemmen li għandha ssir din it-tabella biex ma jkollux problemi. Il-Viċi Sindku ssuggerixxa li għandna nagħmluha bil-ġranet u ħinijiet meta jarma dan il-bejjiegħ. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna nieħdu parir minn TM.

Il-Viċi Sindku Francis Callus

8.9 Staqsa għall-update rigward il-kompjuter tas-Social Services. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi TCTC ġabu kompjuter ġdid madwar tlett ġimgħat ilu izda tas-Social Services għadhom iridu jiġu biex jinstallaw il-programm.

Il-kunsilliera Joanna Abdilla

8.10 Staqsiet jekk hux possibli li npoġġu l-bank ta' fejn il-Kazin lura. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ħaddiema marru filgħodu [il-ġurnata tal-laqgħa].

8.11 Għamlet talba biex inpoġġu 2 bins ġodda fil-Pjazza. Il-Kunsill ma qabilx peress illi fil-passat kien hemm bins u kelna problemi.

8.12 Għamlet talba biex nagħtu tindifa lill-mirji kollha tar-raħal.

8.13 Qalet illi hemm bozza maqtugħa f'triq il-Kenn. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għamilna rapport.

8.14 Qalet illi hemm bzonn illi l-ħajt ikun lixx biex isir il-mural [ħajt tal-iskola].

8.15 Staqsiet jekk hux possibli li l-Kunsill jħallas xi ħaġa għall-klassijiet taz-Zumba. Il-Kunsill qal illi qegħdin limited ħafna peress illi diġa ssosidjana ħafna attivitajiet izda l-ewwel għandna naraw x'domanda hemm u jekk possibli noħorġu xi ħaġa zgħira.

8.16 Qalet illi qegħda titlob għall-permess, f'isem l-Ambaxxatriċi tar-raħal is-sinjorina Silaine Cutajar, biex is-sleepover isir fis-sala tal-Kunsill bejn il-5 u 6 t'Awwissu. Il-Kunsill qabel.

Il-kunsillier Carlo Stivala:

Ma kellu l-ebda punt għall-ħwejjeġ oħra. Talab biex ikun skużat mil laqgħa. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qablu u telaq fis-5.45pm.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil:

8.17 Qal illi hemm bzonn illi nixtru siġra tal-hibiscus għall-pjazza. Il-Kunsill qabel.

8.18 Qal illi s-siġar fil-pjazza għandhom bzonn zabra. Ix-xogħol se jsir bil-qbil tal-Kunsill

Is-Segretarju Ezekuttiv:

Ma kellu l-ebda punt biex izid

9. **Laqgħa li jmiss**

9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6pm.

9.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fis- 17 t'Awwissu 2016

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Johan Mula | Anthony Attard |